**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 1 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Guramentat Numru:- 28/2015JVC**

**Malta Industrial Parks Limited (C28965)**

**Vs**

**Tower Products Limited (C4283)**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn s-socjeta' Malta Industrial Parks Limited ippremetiet:-

Illi s-socjeta' esponenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata u dan kif kanonizzata permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar l-10 ta' Jannar 2012 fl-istess ismijiet fuq premessi, kopja ta' liema sentenza tinsab annessa u mmarkata "Dok. A";

Illi skont il-precitata sentenza, is-socjeta intimata, fuq ammissjoni taghha stess, giet ikkundannata thallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' mija u elfejn u hamsa u ghoxrin euro u disgha u erbghin centezmu (€102,025.49) liema debitu kien rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tad-29 ta' Marzu, 2011 b'dan pero' illi l-ewwel pagament fl-ammont ta' elf seba' mija u hamsin euro (€1,750) kellu jithallas fi zmien erba' xhur mid-data tas-sentenza ossija fl-10 ta' Mejju, 2011 u wara tali data s-socjeta' intimata kellha tibqa' thallas l-ammont dovut minnha f'rati mensili fl-ammont ta' elf seba' mija u hamsin euro (€1,750) kull ghaxra tax-xahar, liema arrangament kellu jibqa' fis-sehh sakemm il-pagamenti jibqghu jsiru b'mod regolari cioe' kull xahar. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-istess socjeta' intimata;

Illi minkejja tali gudikat, is-socjeta' intimata baqghet moruza;

Illi l-ispejjez tal-kawza jammontaw ghal €2,686.89 oltre ghall-VAT li jammonta ghal €259.21 li flimkien jaghmlu €2,946.10 u dan skont taxxa ufficjali ta' drittijiet u spejjez li kopja taghha tinsab annessa u mmarkata "Dok B";

Illi fuq is-somma kanonizzata sal-lum iddekorra imghax li jammonta ghal €33,587.35;

Illi ghalhekk fuq tali somma biss, is-socjeta' intimata hija kreditrici tas-socjeta' esponenti fl-ammont komplessiv ta' €138,558.94;

Illi in eskuzzjoni ta' tali gudikat kien gie esegwit mandat ta' qbid fl-istess ismijiet fuq premessi bin-numru 78/2013 izda sal-lum il-kreditu ghadu ma thallasx u dan minkejja li ghaddew ferm aktar minn erbgha u ghoxrin (24) gimgha;

Illi minn taghrif li ghandha s-socjeta' esponenti, jidher li s-socjeta' intimata hija debitrici ta' diversi kredituri ohra;

Illi s-socjeta' esponenti tissottometti li fil-fehma taghha, is-socjeta' intimata mhijiex f'qaghda li thallas id-dejn taghha u fi kwalunkwe kaz jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex is-socjeta' intimata tigi dikjarata xjolta u konsegwentement tigi stralcjata;

Illi fic-cirkostanzi jezistu l-massimi li trid il-ligi sabiex din l-Onorabbli Qorti taghti provvediment fit-termini tal-Art. 214(2)(a)(ii) u/jew 214(2)(b)(iii) tal-Kap. 386 u b'hekk tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralc tas-socjeta' intimata;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

Tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralc tas-socjeta' intimata Tower Products Limited u dan taht dawk il-provvidimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat illi ma gietx intavolata risposta ghar-rikors guramentat u ghalhekk il-kumpanija ntimata hija wkoll kontumaci.

Rat id-dokumenti u provi pprezentati mir-rikorrenti.

Rat l-atti tal-mandat ta' qbid bin-numru 78/2013 u s-subbasta numru 21/2013.

Rat li fil-verbal tat-23 ta' Ottubru, 2015 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' lis-socjeta' konvenuta sabiex taghmel sottomissjonijiet bil-miktub.

Rat li ma gew intavolati l-ebda sottomissjonijiet.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar il-mertu tat-talbiet, din hija kawza fejn qed issir talba sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-kumpanija ntimata skont l-artikoli 214 (2) (a) (ii) u/jew 214 (2) (b) (iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba qed issir mir-rikorrenti bhala kreditrici tal-kumpanija ntimata u dan huwa permissibbli ai termini tal-artikolu 218 (1) tal-Kap 386.

Illi fil-paragrafu (a) (ii) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 214, il-ligi telenka liema c-cirkostanza fejn il-qorti tista' xxolji kumpanija u tordna l-istralc taghha kif isegwi:

'(ii) il-kumpanija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha';

In oltre ai termini tal-paragrafu (iii) fis-sub-artikolu (2) (b) tal-artikolu 214 jinghad illi:

'(iii) il-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpannija.'

Illi ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Axel Johnson International Ab vs Aluminium Extrusions Limited**[1] li rriteniet:

[1] Rik Nru: 145/2000GV deciza fit-28 ta' Mejju, 2003

*'Hu car mil-ligi li taht is-subartikolu 214(1)(a) il-Qorti 'may' exercise its discretion in determining whether dissolution and winding up should occur. Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk is-sitwazzjoni tal-kumpanija hija tali li tiggustifika s-soluzzjoni li dina tigi wound up jew jekk ghad hemmx il-possibilita' li l-kumpanija tista' terga' topera fil-vicin u thallas id-djun taghha. Il-Ligi tghid li l-kumpanija tigi likwidata if it is proved to the satisfaction of the Court that the company is unable to pay its debts, account being taken also of contingent and prospective liabilities of the company. Din ta' l-ahhar kondizzjoni tista' tigi verifikata permezz tal-balance sheets wara li jigi kunsidrat jekk l-assets are less than its liabilities. Izda 'it is not sufficient for the company to be able to meet its current obligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets over a lengthy period (Re: European Life Assurance Society 1869 LR 9 Eq 122). Ghalhekk m'hemmx raguni ghaliex il-kredituri ghandhom joqghodu jistennew sakemm il-kumpanija tbiegh l-assets taghha biex forsi xi darba jithallsu'.*

Mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi ai termini ta' decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 10 ta' Jannar, 2012 l-kumpanija ntimata giet ikkundannata kif isegwi:

'Ghaldaqstant din il-qorti, fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas is-somma ta' Mija u elfejn u hamsa u ghoxrin euro u disgha u erbghin centezmu (€102,025.49) liema debitu hu rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tad-29 ta' Marzu, 2011 b'dan pero' illi l-ewwel pagament fl-ammont ta' elf seba' mija u hamsin euro (€1,750) ghandu jithallas fi zmien erba' xhur millum ossija fl-10 ta' Mejju, 2011 u wara tali data s-socjeta' konvenuta ghandha tibqa' thallas l-ammont dovut minnha f'rati mensili fl-ammont ta' elf seba' mija u hamsin euro (€1,750) kull ghaxra tax-xahar. Dan l-arrangament ghandu jibqa' fis-sehh sakemm il-pagamenti jibqghu jsiru b'mod regolari cioe' kull xahar.

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra s-socjeta' konvenuta.' (fol. 6)

2. Illi qabel id-decizjoni msemmija l-kumpannija ntimata kienet dahlet fi ftehim mal-Kumpanija attrici datat 29 ta' Marzu, 2011 fejn irrikonixxiet

id-debitu izda sad-data tal-11 ta' Mejju, 2015 meta giet intavolata din il-kawza l-ammont dovut kien ghadu ma thallasx;

3. Illi fix-xhieda tieghu tat-23 ta' Ottubru, 2015 is-Sur Charles Persol in rapprezentanza tas-socjeta rikorrenti kkonferma li sa dakinhar is-socjeta' konvenuta kienet ghadha ma hallset xejn mill-ammont dovut;

4. Illi mill-atti tal-mandat ta' Qbid Ezekuttiv bin-numru 78/2013 intavolat nhar l-24 ta' Mejju, 2013 l-Qorti kkonfermat illi s-socjeta' attrici ghadha ma rkuprat xejn minn dak dovut, kif ukoll illi hemm kredituri ohra li ghandhom jiehdu diversi somom mis-socjeta' intimata fosthom is-socjeta' Joseph Caruana Company Limited u Kenneth Grech Company Limtied liema dejn imur lura ghas-snin 2013, 2012 u qabel. Apparti minn hekk ir-rikavat minn dawn il-proceduri huwa mizeru hafna u certament ma jissodisfax l-eluf kbar dovuti lis-socjeta' attrici, anzi lanqas huwa bizzejjed sabiex ikopri l-ispejjez legali tal-kredituri;

5. Illi jirrizulta ampjament pruvat lil din il-Qorti tramite d-dokumentazzjoni esebita, li s-socjeta' intimata hija kreditrici tas-socjeta' esponenti mill-anqas fl-ammont komplessiv ta' mija u tmienja u tletin elf, hames mija u tmienja u hamsin Euro u erbgha u disghin centezmu (€138,558.94);

6. Illi s-socjeta' intimata ma hi qed taghmel l-ebda sforz sabiex thallas id-dejn dovut minnha lill-kredituri tant li lanqas rrispondiet ghal dawn il-proceduri u mill-atti tas-subbasta ma jidhirx li l-kumpanija ghadha qed topera u ilha zmien twil ma toperax.

Illi mis-suespost din il-Qorti hija sodisfatta li jirrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex tipprocedi ghax-xoljiment u stralc tal-kumpanija ntimata skony l-artikolu 214(2)(a) (ii) u 214 (2) (b) (iii) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tas-Socjeta' attrici kif gej :

1. Tilqa' t-talba ai termini tal-artikoli 214 (2) (a) (ii) u 214 (2) (b) (iii) tal-Kap. 356 u tordna x-xoljiment tal-kumpanija Tower Products Limited

(C4283) b'effett mil-lum u dan ai termini tal-proviso ta' l-artikolu 223(1) u tordna wkoll l-istralc taghha.

2. Tahtar lill-Avukat Dottor Kevan Azzopardi bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skont l-Art. 228 et seq tal-Kap 386 b'dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita' ta' dawk is-setghat u dmirijiet –

    i. wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpanija ntimata kif irid l-artikolu 226 tal-Kap 386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-artikolu 227 tal-Kap 386.

    ii. jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpanija ntimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

    iii. jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpanija ntimata jekk ezistenti kif ighid u jrid l-artikolu 237 tal-Kap 386.

    iv. jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpanija ntimata.

    v. jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpanija ntimata.

    vi. jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur